Sfidi ta' Trevor Żahra



L-istorja tal-ktieb 'Sfidi' titratta dwar sitt iħbieb li flimkien jiddeċiedu li jagħmlu bosta sfidi differenti. L-isfidi kienu jsiru bil-lejl meta ħadd ma jkun jista' jarahom biex b'hekk ma jinqabdux. Is-sitt żgħażagħ kienu jippjanaw l-isfidi sal-inqas dettall biex żgur ma jinqabdux. Meta jaħsbu fi sfida tajba u kulħadd jaqbel li ssir, kienu jtellgħu bil-polza min ser jagħmel din l-isfida.

L-ewwel sfida kienet li Kurt, wieħed mis-sitt żgħażagħ, jaqfel katnazz mal-bieb tal-ħanut ta' Ray tal-gazzetti u għamillu bħal *treasure hunt* biex isib iċ-ċavetta tal-katnazz ħalli jkun jista' jiftaħ il-ħanut.

It-tieni sfida kienet li Selina twaħħal tabella bil-kliem *'JUST MARRIED'* mal-karozza ta' raġel li kien ikkunsidrat bħala stramb. Iżda dawn ma kinux jafu bil-konsegwenzi li ġabet magħha din l-isfida. Ma kinux jafu li dan ir-raġel kien ser jiżżewweġ iżda l-għarusa tiegħu kienet mietet xi żmien qabel it-tieġ.

It-tielet sfida kienet li Dustin, li kien tfajjel veru beżżul, kellu jidħol għand il-ġirien ta' Selina, waħda mill-grupp, u ċċaqlaq l-għamara kollha tagħhom. Huwa daħħal l-i*slippers* ġol-*microwave*, l-ixkupa libbisha il-*bath-robe* u poġġiha ġos-sodda. Wara li ċaqlaq l-għamara u kien sodisfatt bir-riżultat, Dustin lemaħ tletin lira fuq il-mejda u ħadhom avolja kien jaf li ma kienx suppost imiss l-affarijiet l-oħra biex ma jinqabadx.

L-isfida li jmiss kienet li Katia kella tbiddel it-tabella li kienet tgħid 'ĠITA PELLEGRINAĠĠ' f''RITA LIBERTINAĠĠ' bl-*ispray paint*. Katia, bl-għajnuna ta' Lee il-*mud pie* wettqet din l-isfida u għal darb'oħra, dawn ma ħasbux fil-konsegwenzi li ġabet magħha. Rita tal-

monsinjur li kienet tieħu ħsieb il-knisja, bdiet tistħi toħroġ fil-pubbliku wara li rat x'kien hemm miktub u spiċċat maqfula ġewwa.

L-aħħar sfida kellu jwettaqha Glen li kien dak li ħareġ bl-idea tal-isfidi. L-isfida kienet li jidħol għand mara anzjana, jaqbad l-għasfur tagħha u jitfgħu fil-vetrina u floku jitfa' s-santi tar-raġel ta' din l-anzjana. Kollox kien sejjer tajjeb sakemm Jessie, il-mara anzjana, reġgħet ġiet lura id-dar u rat lil Glen b'idu madwar l-għasfur għażiż tagħha. Jessie ħassha ħażin, waqgħet mal-art u mietet fuq il-post.

Wara l-mewt ta' Jessie, is-sitt żgħażagħ ma baqgħux jitkellmu. Kienu għadhom taħt xokk u lkoll kemm huma għarfu li l-isfidi li għamlu kollha ħallew effett ħażin fuq il-vittmi. Madankollu huma lkoll ma ħallewx dan il-ħażen li wettqu iħassrilhom ħajjithom. Ilkoll daħlu f'qoxrithom u Katia qabżet għaliha nnifisha u ma ħallietx lil ħutha jibbuljawha, Selina għamlet il-kuraġġ u qalet lil ommha li kienet wisq kbira għal kamra bit-tpinġija ta' Minnie Mouse u riedet tiżbogħ il-kamra, Kurt aċċetta lil ħuh li kien għadu kif twieled, Dustin irritorna il-flus li kien seraq u Glen reġa' aċċetta lil missieru f'ħajtu u aċċetta li sar iħobb mara oħra.

It-tagħlima li dan il-ktieb jagħti liż-żgħażagħ hi li permezz ta' dawn l-isfidi, dawn iż-żgħażagħ għarfu kemm ilkoll kemm huma għandhom il-ħila li jagħmlu affarijiet li ħadd ma joħlom li jista' jagħmel u b'hekk għamlu dak li kienu ilhom jixtiequ. Iżda l-aktar ħaġa li għoġbitni hi li dawn iż-żgħażagħ ma ħallewx l-għemil ħażin tagħhom fl-isfidi iħassrilhom ħajjithom. Minflok qamu fuq tagħhom u għarfu li dak li kien qiegħed idejjaqhom fil-ħajja tagħhom għandhom jegħlbuh, biex jgħixu ħajjithom bla biża'.

Għalkemm dan il-ktieb mhuwiex it-tip li nħobb naqra jien, kien interessanti u għoġobni ħafna u nissuġġerixxi li l-istudenti tal-eta' tiegħi jaqrawh ukoll.